# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 87/2024**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Charles Farrugia**

**<u>30 ta' Mejju 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, **Charles Farrugia** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0374091M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Gunju tas-sena b2019 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, uza kliem jew imgieba ta' theddid,abbuziv jew insolent jew xort'ohra gab ruhu b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk jqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni ohra jew b'hekk hloqt il-probbabilita' illi, meta wiehed jqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali u dan ai termini tal-Artikoli 82A Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, datata l-20 ta' Frar tas-sena 2024, iddikjarat li l-procediment huwa ezawrit u dan ghaliex l-imputat obbliga ruhu li ma jdejjaqx, jimmolestax u ma jingurjax lill-parte civile kif ukoll skuza ruhu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellat Charles Farrugia prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Marzu 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza qua appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat procediment ezawrit u konsegwentement, tibghat l-atti tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex dan il-kaz jigi gudikat mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

- **<u>L-ewwel Qorti ibbazat id-Decisum taghha fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ligi;</u>**

Illi bid-dovut rispett rigward, l-Ewwel Qorti ma setatx tiddikjara procediment ezawrit ghas-semplici fatt li l–imputat skuza ruhu anke jekk kien hemm qbil mal-parte civile. Illi minn qari tas-sentenza, hekk kif riflessa fil-verbal datat 20 ta' Frar tas-sena, 2024, l-esponenti tosserva li l-kawza inqatghett b'mod identiku ta' kif jinqatghu kawzi ta' ingurji u theddid (Art.339(1)(e) Kap 9 u cioe li l-imputat jiskuza ruhu mal-parte civile u jobbliga ruhu li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil parte civile. Proceduri ta' hate speech jimxu independement mill-mahfra o meno tal-parte civile, u cioe dawn huma proceduri li jitmexxew ex officio u seemai jekk hemm il-mahfra tal-parte civile u l-imputat jiskuza ruhu, il-Qorti tista tikkunsidra l-istess ai fini ta' piena.

Semghet lill-partijiet jittrattaw is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u dan fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024.

**Ikkunsidrat.**

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2024 kif inserit fl-atti a fol. 4 tal-process fejn hemm imnizzel li Dr Andrew Sciberras ghal parte civile infurma lil Qorti li jekk l-imputat jappologizza ghal dak li ghamel u jobbliga ruhu u ma jergax jirrepeti dan l-agir l-proceduri jistghu jtiwaqqfu hawnhekk.

Rat li f'dik is-seduta il-prosekuzzjoni irrimettiet ruhha.

Rat li l-imputat qua appellat illum obbliga ruhu li ma idejjaqx u ma jimmolestax u ma ingurjax lil-*parte civile* kif ukoll skuza ruhu formalment mal-parte civile

Rat li l-ewwel Qorti imbaghad iddikajrat il-procediment ezawrit.

**Ikkunsidrat.**

Illi ir-reat li bih l-appellat gie akkuzat hu dak dispost fl-artikolu 82A tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jinsab taht it-titolu II intitolat '*Fuq id-delitti kontra l-paci pubblika*.' Fil-kaz odjern hu evidenti mill-atti - kemm mic-citazzjoni li mhix tahrika ta' kawza privata izda tahrika ta' kawza tal-pulizija - kif ukoll mill-verbali u mill-istess sentenza, li l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva u li ghalhekk il-partijiet fil-kawza kienu l-Pulizija u l-gudikabbli, fejn eventwalment stante l-iskuza tal-gudikat l-Qorti ddikjarat l-procediment ezawrit. Dan ma kienx korrett u ghaliex l-proceduri ma gewx inizjati fuq il-kwerela tal-parti. Proceduri ta' hate speech kif inhu r-reat in desamina kif tajjeb osserva l-Avukat Generali jitmexxew ex ufficcio u ghalhekk indipendentment mill-mahfra tal-parte civile l-proceduri ghandhom jibqghu

ghaddejjin bil-prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha. Il-fatt li l-parte civile jiskuza ruhu fl-andament tal-proceduri tista tittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-piena applikabbli BISS u mhux ai fini ta' jekk l-proceduri ghandhom jigu dikjarati ezawriti.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet din il-Qorti qeda tiddikjara lli l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-gudizzju taghha u konsegwentement qeda thassar u tikkancella is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar l-20 ta' Frar 2024 u tibghat l-atti quddiem l-ewwel Qorti u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata w deċiża mill-ġdid skond il-liġi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**